32006D0559

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Awwissu 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2002/300/KE rigward iż-żoni eskluži mil-lista ta' żoni approvati f'dak li għandu x'jaqsam mal-Bonamia ostreae u/jew mal-Marteilia refringens

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3518)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/559/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali li tirregola t-tqegħid fis-suq ta' annimali u ta' prodotti ta' akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300 KE tat-18 ta' April 2002 li tistabbilixxi l-lista ta' l-oqsma approvati rigward il-*Bonamia ostreae* u/jew il-*Marteilia refringes* [2] tistipula l-oqsma fil-Komunità meqjusa bħala ħielsa mill-mard tal-molluski *Bonamia ostreae* u/jew *Marteilia refringens*.

(2) Ir-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni b'ittra fis-6 ta' Mejju 2006 li l-*Bonamia ostreae* instabet fix-xmara Cleddau f'Wales. Ir-Renju Unit stabbilixxi żona ta' kontroll u żona ta' sorveljanza kontra ż-żona milquta. Dik iż-żona li qabel kienet qed titqies bħala ħielsa mill-*Bonamia ostreae* għalhekk ma tistax tibqa' titqies aktar bħala ħielsa minn dik il-marda.

(3) Id-Deċiżjoni 2002/300/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni 2002/300/KE qed jiġi sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzati lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 103, 19.4.2002, p. 24. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/748/KE (ĠU L 280, 25.10.2005, p. 20).

ANNESS

"ANNESS

ŻONI APPROVATIFIR-RIGWARD TA' WAĦDA JEW AKTAR MILL-MARD TAL-MOLLUSKI BONAMIA OSTREAE U MARTEILIA REFRINGENS

1.A. **Żoni fl-Irlanda approvati fir-rigward tal-B. ostreae**

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda, barra s-seba' żoni li ġejjin:

— Il-Port ta' Cork

— Il-Bajja ta' Galway

— Il-Port ta' Ballinakill

— Il-Bajja ta' Clew

— Il-Kanal ta' Achill

— Loughmore, il-Bajja ta' Blacksod

— Lough Foyle

1.B. **Żoni fl-Irlanda approvati fir-rigward tal-M. refringens**

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda

2.A. **Żoni fir-Renju Unit, fiċ-Channnel Islands u fl-Isle of Man approvati fir-rigward ta' B. ostreae**

— Il-kosta kollha ta' l-Ingilterra, barra l-erba' żoni li ġejjin:

— il-kosta ta' nofsinhar ta' Cornwall minn Lizard sa Start Point

— iż-żona madwar l-estwarju ta' Solent minn Portland Bill sa Selsey Bill

— iż-żona tul il-kosta f'Essex minn Shoeburyness sa Landguard point

— iż-żona tul il-kosta tal-lbiċ ta' Wales minn Wooltack Point sa St Govan's Head, inklużi Milford Haven u l-ibħra tal-fruġħ tal-lvant u l-punent tax-xmara Cleddau.

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ta' Fuq, barra ż-żona li ġejja:

— Lough Foyle

— Il-kosta kollha ta' Guernsey u ta' Herm

— Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: Iż-żona tikkorrispondi għaż-żona ta' tifrigħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas friegħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-anqas livell baxx ta' friegħ ta' l-ilma tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf Normann-Brittaniku, fuq in-naħa ta' nofsinhar tal-Kanal Ingliż.

— Il-kosta kollha ta' l-Isle of Man

2.B. **Żoni fir-Renju Unit, fiċ-Channnel Islands u fl-Isle of Man approvati fir-rigward ta' M. refringens**

— Il-kosta kollha ta' l-Ingilterra

— Il-kosta kollha ta' l-Irlanda ta' Fuq

— Il-kosta kollha ta' Guernsey u ta' Herm

— Iż-żona ta' l-Istati ta' Jersey: Iż-żona tikkorrispondi għaż-żona ta' tifrigħ tal-baħar u l-kosta li tiġi eżatt ma' fejn hemm l-anqas frieġħ fil-Gżira ta' Jersey f'linja immaġinarja maħżuża tliet mili nawtiċi mill-anqas livell baxx ta' frieġħ ta' l-ilma tal-Gżira ta' Jersey. Iż-żona tinsab fil-Golf Normann-Brittaniku, fuq in-naħa ta' nofsinhar tal-Kanal Ingliż.

— Il-kosta kollha ta' l-Isle of Man

3. **Żoni fid-Danimarka approvati fir-rigward ta' B. ostreae u M. refringens**

— Limfjorden minn Thyborøn fil-punent sa Hals fil-lvant"